MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 121/2003

APS Bank Limited

vs

L-Avukat Dottor Alfred Grech

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech fid-29 ta' Mejju 1999, li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A, il-Bank attur ta b'titolu ta' self lill-konvenut, li bl-istess titolu accetta s-somma ta' ghaxart elef liri maltin (Lm10,000);
Illi l-konvenut huwa debitur tal-Bank attur fl-ammont ta' sebat elef, disa mija sitta u hamsin liri Maltin u tmien centezmi (Lm7,956.08) rapprezentanti in kwantu ghal sebat elef mitejn u sittax-il liri maltin u tmien centezmi

(Lm7216.08) bilanc dovut in konnessjoni ma' Loan Account bin-numru 12233732018 u in kwantu ghal seba' mija u erbghin liri Maltin (Lm740) rapprezentanti interessi akkumulati bir-rata ta' 8% fis-sena sat-30 ta' Gunju 2003 fl-Interest Disposal Account bin-numru 12233730027, skond iz-zewg prospetti hawn annessi u markati bhala dok.ti "B" u "C";

Illi l-istess l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi, anka permezz ta' ittra ufficjali datata 29 ta' Settembru 2003 (dok. D) biex ihallas lill-Bank attur l-ammont minnu dovut, baqa' inadempjenti;

Illi d-dejn tal-konvenut fil-konfront tal-Bank attur huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-Bank attur l-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjoni valida x'jaghti kontra din l-azzjoni;

Illi ghall-finijiet ta' l-Artikolu mija u seba' u sittin (167) "et sequitur" tal-Kodici ta'Organizzazjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) qieghed jigi hawn anness Affidavit tar-rapprezentant tal-Bank attur u mmarkat bhala Dok. "E";

Talab l-attur ghar-ragunijiet premessi ghaliex l-Qorti m'ghandhiex:

1. tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 – 170 ta' l-Kodici ta' l-Organizzazjoni u Procedura Civili (Kap 12);
2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Bank attur s-somma ta' sebat elef disa' mija sitta u hamsin liri Maltin u tmien centezmi (Lm7956.08) rapprezentanti in kwantu ghal sebat elef mitejn u sittax-il liri Maltin u tmien centezmi (Lm7216.08) bilanc dovut in konnessjoni ma Loan Account bin-numru 12233732018 u in kwantu ghal seba' mija u erbghin liri Maltin (Lm740) rapprezentanti interessi akkumulati bir-rata tat-8% fis-sena sat-30 ta' Gunju 2003 fl-Interest Disposal Account bin-numru 12233730027 bl-imghax ulterjuri fuq il-bilanc ta' sebat elef mitejn u sittax-il liri Maltin u tmien centezmi (Lm7216.08) bir-rata tat-8% fis-sena mit-30 ta' Gunju 2003 sad-data tal-hlas effettiv;
3. tordna l-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 29 ta' Settembru 2003 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, kontra l-konvenut, li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur, flimkien mal-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha nkluza n-nota ta' riduzzjoni tal-Bank attur.

Ikkunsidrat:

Illi b'nota pprezentata fl-1 ta' Ottubru tas-sena l-ohra l-konvenut qal hekk: 'Li biha jammetti t-talba u jitlob sentenza skond arrangament li huwa ghamel mal-Bank attur fis-sens li gej:

1. kull debitu dovut jithallas bir-rata ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) fix-xahar;

2. kwalunkwe ammont dovut ghandu jithallas mhux aktar tard minn sentejn mid-data tas-sentenza.

Illi l-Bank irrisponda b'nota fejn oppona ghall-kundizzjonijiet kif hawn fuq indikati mill-konvenut u zamm ferm it-talbiet tieghu kif dedotti fic-citazzjoni.

Illi b'nota ohra tal-istess Bank datata 3 ta' Dicembru 2004 huwa rriduca t-talba tieghu minn sebat elef disa' mija u sitta u hamsin lira Maltin u tmien centezmi (Lm7956.08) (kif mitluba fic-citazzjoni) ghal sitt elef erba' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm6453.73) stante pagament … fil-mori tal-kawza. Talab l-imghax legali fuq s-somma hekk ridotta mit-30 ta' Gunju 2003

Illi b'nota ohra prezentata seduta stante illum stess il-Bank rega' rriduca t-talba bl-ammont ta' hames mitt lira maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm500.35).

Ghaldqastant, fuq l-iskorta tal-ammissjoni tal-konvenut u n-noti ta' riduzzjoni tal-attur qeghdha tiddecidi l-kawza billi tikkundanna lil konvenut ihallas lill-Bank attur is-somma ta' hamest elef disa' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm5953.38) flimkien mal-imghax legali dekorribbli fuq l-ammont ta' sitt elef erba' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm6453.73) mit-30 ta' Gunju 2003 sal-effettiv pagament u komputabbli a skaletta. Spejjez ghak-karigu tal-konvenut

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------